TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 177/13/GB

**Raymond u Giovanna Cilia**

**vs**

**Edward Tanti**

Illum 9 ta' Ottubru 2013

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fid-29 ta' Lulju, 2013 fejn ir-rikorrenti talbu rifuzjoni ta' elfejn mija tlieta u sittin Ewro (€2163.00), rapprezentanti l-prezz li huma hallsu ghal wheelchair li nxtara minghand l-ntimat, liema wheelchair kien difettuz.

L-intimat ma pprezentax risposta bil-miktub ghal din it-talba, u lanqas ma attenda ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti, kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi:-**

Huma kienu hadu l-ghajnuna mill-Kummissjoni permezz ta' cekk ghas-somma ta' elfejn mija tlieta u sittin Ewro (€2163.00). Dan ic-cekk mar dirett ghand l-intimat sabiex jixtru l-wheelchair. Ir-rikorrenti sabu li l-wheelchair kien gie mibrux, u l-intimat kien informahom illi seta' jbiddilulhom. Wara xahar, il-wheelchair in kwistjoni beda jieqaf, fejn l-intimat kien mar jirrangah, pero' rega' waqaf darbtejn ohra. L-intimat kien mar jiehu l-wheelchair, ghaliex qal illi d-difett kien mill-batterija u zammu ghandu u ma riedx jaghtih lura. L-intimat kien offra li jirrifuza r-rikorrenti, u r-rikorrenti kienu accettaw. Fil-fatt, l-intimat kien hadilhom cekk pero' ghall-ammont inqas minn dak li kienu tawh sabiex xtraw il-wheelchair, u cioe' offrielhom cekk fl-ammont ta' elf hames mija hamsa u erbghin Ewro (€1545.00), liema cekk ma giex accettat mir-rikorrenti. L-intimat qal li l-ammont kien inqas ghaliex huwa ried jigbor il-VAT. Mill-

Kummissjoni tawh karta biex ikun jista' jigbor il-VAT. Wara dan kollu l-intimat hareg bl-iskuza li l-wheelchair kien uzat.

Ir-rikorrenti ezebew kopja tac-cekk mahrug mill-Kummissjoni Nazzjonali Persuni B'Dizabilita' lil Jane Cilia, fl-ammont ta' elfejn mija tlieta u sittin Ewro u ghaxar centezmi (€2163.10); flimkien ma' ittra mahruga mill-MCCAA, fejn l-intimat kien qabel li jirrifuza lir-rikorrenti fl-ammont ta' elfejn mija tlieta u sittin Ewro u ghaxar centezmi (€2163.10).

**It-Tribunal jinnota illi:-**

L-intimat, debitament notifikat kemm bl-Avviz tat-Talba kif ukoll bid-data u l-hin tas-smiegh, u msejjah tliet darbiet, m'attendiex ghas-seduta, kif ukoll jinnota li sal-hin tas-seduta l-intimat kien ghadu ma baghatx risposta bil-miktub.

It-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, huma regghu kkonfermaw il-verzjoni taghhom bil-miktub.

Ir-rikorrenti ezebew il-wheelchair in kwistjoni *animo ritirandi* waqt is-seduta.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, jinnota n-nuqqas ta' rispett da parte l-ntimat lejn ir-rikorrenti, billi ma pprezenta l-ebda risposta ghat-talba in kwistjoni, kif ukoll in-nuqqas ta' rispett li ntwera lejn dan it-Tribunal, billi lanqas biss indenja ruhu jidher ghall-udjenza appuntata. Wara li sema' l-provi, it-Tribunal qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lill-intimat ihallas l-ammont ta' elfejn mija tlieta u sittin Ewro (€2163.00) lir-rikorrenti, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-intimat.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**